FGURA

Minuti tal-laqgħa 77 (laqgħa b'urġenza) tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur A. DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C. Bonello 18:36<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli 18:34<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Chev D Marmara` KLJ 18:35 |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 <u>Inċident</u>

1.01 Is-Sur M Lombardo qal li ma laħaqx qara l-ittra mibgħuta mis-Segretarju.

1.01.1 Il-Viċi-Sindku għamel *point of order* u talab lis-Sindku sabiex il-laqgħa tingħata bidu kif xieraq.

1.01.2 Is-Sindku talab lis-Sur M Lombardo sabiex jagħmel introduzzjoni fir-rigward tal-materja fuq l-aġenda.

1.02 Is-Sur M Lombardo faħħar l-attivita' li saret il-Ħadd 16 ta' Settembru, 2012, intitolata '*Fgura Street Sports Festival*' li wriet sens ta' għaqda bejn l-għaqdiet tal-lokalita'. Irrefera għall-minuti mhux approvati tal-laqgħa tat-28 t'Awwissu, 2012, li fihom inkiteb li l-artisti se jingħataw espressjoni ħielsa. Huwa semma' li waqt li kien preżenti għall-attivita' ra li nħolqot kwestjoni fiż-żona fejn kienu qed jiġu mpittra l-murali.

MAYOR, VICE MAYOR, Councillors & Sect

1.03 Il-Viċi Sindku għamel *point of order* fejn talab lis-Sindku biex jitlob lis-Sur M Lombardo ma jindirizzax lill-Kunsill b'leħen għoli.

1.03.1 Is-Sindku talab lis-Sur M Lombardo jimmodera l-volum ta' leħnu.

1.04 Is-Sur M Lombardo semma' li kien hemm persuna li ma thallietx tagħmel pittura mill-Viċi Sindku, liema pittura kienet turi partitarju tal-festa tal-lokal b'bandiera bluna f'idu. Is-Sur M Lombardo semma' kif l-ilwien huma l-isbaħ ħaġa fin-natura u m'għandhomx iservu biex jifirdu lill-bnedmin.

1.05 Is-Sur M Lombardo ġibed l-attenzjoni li ma ġiet impittra l-ebda persuna b'diżabilita' bħala parti mill-murali li saru fi Triq Hompesch kantuniera ma' Triq is-Sur. Irrimarka li ma ġietx impittra *Girl Guide*, iżda ġie mpitter biss *Boy Scout.*

1.06 Is-Sur M Lombardo qal li jiddispjaċih, li l-Viċi Sindku ma jafx minn liema għaqdiet hija komposta l-Fgura wara 18-il sena ta' Kunsilli Lokali.

1.06.1 Il-Viċi Sindku għamel *point of order* bil-għan li s-Sur M Lombardo jitlob apoloġija ta' dak li kien għadu kif intqal.

1.06.2 Is-Sur M Lombardo qal li għandu jkun il-Viċi Sindku li jitlob apoloġija peress li kien instab ħati fi ksur tad-dritt tal-espressjoni ħielsa. Qal li l-Viċi Sindku kellu l-iskop li jikser lill-individwu għaliex ma ppermettiex li artist jesprimi ruħu u saħansitra rredikolah.

1.07 Is-Sindku talab lis-Sur M Lombardo jikkonkludi.

1.07.1 Is-Sur C Bonello għamel point of order li fih xtaq ikun jaf jekk is-Sindku hux se jibda jadotta sistema rigoruża fir-rigward tal-limitu tal-ħin kif provdut fil-liġi.

1.07.2 Is-Sindku wieġeb li m'huwiex il-każ, iżda talab lis-Sur M Lombardo jikkonkludi peress li ħass li kien eżawrixxa l-argumentazzjoni tiegħu.

1.08 Il-Viċi Sindku wieġeb permezz ta' dikjarazzjoni (Ara 'DOK A').

1.09 Is-Sur C Bonello għamel point of order u staqsa jekk il-Viċi Sindku waqt li kien qed jaqra d-dikjarazzjoni tiegħu kienx qed jinsinwa li s-Sur Christian Brincat ma kellux moħħu f'loku għar-raġuni li nsista li jpitter personaġġ tal-festa.

1.09.1 Il-Viċi Sindku qal illi fil-kapaċita' tiegħu ta' għalliem, kordinatur u artist, huwa kien obbligat li jigwida lil dawk l-istudenti li ppartecipaw fit-twettieq tal-murali.

1.10 Is-Sur C Bonello għamel point of order u qal li fid-dawl ta' dak li kien qed jingħad mill-Viċi Sindku dwar l-irwoli li kellu fil-jum tal-attivita', is-Sindku għandu jindika jekk fil-verita' kienx l-irwol ta' kordinatur l-uniku rwol fdat f'idejn il-Viċi Sindku fil-jum tal-attivita'.

1.10.1 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ħatru bħala kordinatur ta' din l-attivita' relatata mal-murali.

1.11 Is-Sur S Camilleri staqsa jekk barra l-ittra li ntbagħtet lill-Kunsillieri kollha, s-Segretarju kienx irċieva xi lmenti dwar din l-attivita'.

1.11.1 Is-Segretarju wieġeb li ma kienetx riċevuta ebda korrispondenza oħra f'dan ir-rigward.

1.12 Is-Sur M Lombardo ressaq mozzjoni ref: 3400/12/6 "Dan il-Kunsill juri diżapprovazzjoni għall-fatt li l-Viċi Sindku s-Sur Anthony DeGiovanni ċċensura biċċa xogħol ta' arti, li saret waqt l-attivita' Murali li nżammet waqt l-attivita "Car Free Day" nhar il-Ħadd 16 ta' Settembru 2012. Dan minkejja li fis-seduta tal-Kunsill, imsejħa nhar it-28 t'Awwissu s-Sur DeGiovanni kien qal li "l-artist se jkun qed jingħata l-liberta' li jesprimi ruħu skont ix-xewqa tiegħu", u għalhekk effettivament żgwida lill-Kunsill. Dan il-Kunsill jeżiġi li l-pittura iċċensurata terġa' ssir fl-istat oriġinali tagħha, skont ix-xewqa espressa mill-artist/student u b'konsistenza ma' dak li ntqal u ġie approvat fil-laqgħa msemmija hawn fuq, u għaldaqstant għandu jiġi pprovdut bl-għodda neċessarja biex isir dan fl-iqsar żmien possibli". Din kienet sekondata mis-Sur C Bonello.

1.13 Is-Sindku qal li s-Sur Christian Brincat stess wera ruħu sodisfatt bix-xogħol li sar fil-jum tal-attivita'.

1.13.1 Il-Viċi Sindku rrefera għal din il-mozzjoni bħala waħda falza, u li għandu jivvota kontriha anke min kitibha.

1.13.2 Is-Sur M Lombardo semma' li l-Viċi Sindku jmissu jistħi jitratta ċittadin tal-Fgura b'dan il-mod. Qal li l-Viċi Sindku qed iservi ta' aġent taċ-ċensura.

1.13.3 Ittieħed vot dwar mozzjoni referenza: 3400/12/6

Favur – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.
Kontra – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli, Chev D Marmara` KLJ.

Astenzjonijiet – Ħadd.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3400/12/6 ma ġietx approvata bi tliet voti favur, sitt voti kontra u l-ebda astenzjoni.

1.14 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3401/12/6 "Issir referenza għall-ittra mibgħuta mis-Sur Christian Brincat, l-unika korrispondenza li waslet għand il-Kunsill, dwar il-każ, fejn huwa jgħid u nikkwota "Inħossni sodisfatt bil-prodott finali, u jien inkun wieħed minn ta' quddiem u lest li nerġa' nieħu sehem fi tpinġijiet oħra mal-ħitan f'postijiet oħra mal-ħitan fil-lokalita tagħna". Il-Kunsill jinnota li l-artist kien sodisfatt bil-prodott finali. Għalhekk, il-Kunsill jirrispetta u jadotta l-opinjoni tal-artist. Il-laqgħa tingħalaq hawn". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri.

1.15 Chev. D Marmara` KLJ qara dikjarazzjoni (Ara 'DOK B' fl-hemża).

1.16 Ittieħed vot dwar mozzjoni referenza: 3401/12/6

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.
Astenzjonijiet – Chev D Marmara` KLJ.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3401/12/6 ġiet approvata b'ħames voti favur, tliet voti kontra u astenzjoni waħda.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30.

Sindku

Segretarju

'DOK A'

Dikjarazzjoni

Naghmel referenza ghall-ittra[1] mibghutha lill-Kunsill mill-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista is-sinjuri Charles Bonello, Alfred Debono u Mark Lombardo li ġġib id-data tas-17 ta' Settembru, liema inttra hija defamotorja fil-konfront tieghi ma tesprimix fatti li ġraw u turi nuqqas ta preparazzjoni u mpenn ta minn kitibha billi ma seret l-ebda referenza għall-korrespondenza ezawrjenti tal-kunsill li kienet il-hin kollu għad-dispożizzjoni taghhom. Dan jirrendi din il-laqgha b'urgenza vessartorja u bla bzonn għax ma tikkonsitwixxix urgenza. Fuq dawn aktar 'l quddiem.

Nirrileva wkoll il-fatt li din il-laqgha ssejjeħet meta kulhadd jaf li bhalissa għaddej il-Kungress tal-Partit Laburista u li fiħ illum kelli nagħmel intervent dwar l-edukazzjoni. Dan imur kontra l-konswedudni addotta mill-Kunsill dwar laqgħat tal-Kunsill u attivitajiet politici nazzjoanli. Il-kunsill ghandu jiehu konjizzjoni ta' dan ghall-futur.

Il-Fatti

1. Il-Kunsill tal-Fgura ħatar lili bħala koordinatur tal-progett tal-murali. Jien kont delegat navvicina l-artisti u l-istudenti tal-arti u ħadd aktar ma kien awtorizzat la li jistieden u lanqas jircieva applikazzjonijiet mingħand ħadd biex jippartecipa f'dan il-progett. Ir-raguni kienet li dan huwa progett permanenti u mhux xi attivita ta' 'street painting' miftuħa ghall-kulħadd u ta' darba billi kellu jkun murali ta' kwalita' artistika. Il-Kunsill qatt ma ddecieda li jistieden l-Għaqdiet tal-lokal biex jippartecipaw f'dan il-progett u effettivament l-ebda għaqda tal-Fgura ma' kellha xi membru jirraprezentha fil-proġett. Għaldaqstant l-allegazzjoni li nqala incident bejn il-vici-sindku u membru tal-Kumitat tal-Festi esterni hija għal kollox u xjentament falza u defematorja.
2. Ir-relazzjoni li kelli jien bħala koordinatur inkarigat mill-kunsill fil-kompitenza professjonali tiegħi bħala artist mal-partecipanti kienet ta' kollega ma' artisti shabi u ta għalliem u gwida tal-istudenti tal-arti. Il-liberta professjonali tal-artisti mistiedna kienet għall-kollox rispettata kontra kull allegazzjoni għall-kuntrarju li l-ittra tal-Kunsilliera Nazzjonalisti tista' timplika. L-istess hija falza li l-vici-sindku kellu xi incident billi jien kont qieghed hemm fil-vesti tieghi ta artist, ghalliem u koordinatur tal-progett.
3. Ir-relazzjoni tiegħi mal-istudenti kienet dik ta' għalliem u gwida. Għalhekk huwa falz li tghid li xi student jiġi ċċensurat. Student ikun iggwidat u kkoreġut. Fil-proċess kollu jien iggwidajt flimkien mal-kap tal-iskola tal-arti diversi studenti u sahasitra kien hemm stduent li għidtlu li ser ikolli nħassarlu kull ma pinġa jekk ma jintonax il-kul;uri stunati li kellu mal-bqija. Is-sur Christian Bricat ma kien xejn aktar minn ħaddiehor, jiġifieri student u bħala tali kellu joqgħod għal-brief u d-direzzjoni tas-surmastrijiet li kienu qed jiggwidawh. Sew l-ittra tat-tlett kunsilliera kif ukoll kwalunkwe interbvent ieħor huwa ċensura u affront għall-professjonalizmu tieghi sew bħala għalliem kif ukoll bħala l-artist ideatur tal-proġett. Niddeplora bil-qawwa kollha kull tentattiv biex tkun iċċensurata l-iskema artista tal-progett li kkreajt jien.

[1] Doc1

4. Il-progett tal-murali ġie allaċċjat permezz ta' decizjoni tal-kunsill ma' car free day b'tul ta' 4 siegħat. Dan żgur li mhux il-mod ideal kif isir proġett permanenti ta' murali . Imma mill-esperjenza tiegħi stajt insib is-soluzzjonijiet artistiċi għaldan biex minkejja l-limitazzjonijiet kollha il-progett ikun suċċess kif effettivament kien. Għaldaqstant inħolqot skema fejn kull artist u student ipitter figura umana biex flimkien jiffurmaw folla li n-nies veru fuq l-istage ikun jiffurma parti minnha.[2] Din l-iskem ntbghatet fil-korrespondenza tal-kunsill u kull kunsillier kellu access ghalija. Ghalhekk huwa nuqqas tal-Kunsilliera tal-PN jekk ma kienux jafu b'dan u ppretendew xi elementi oħra f'din il-fażi tal-murali.
5. Saret stedina lill-Kap tal-Iskola tal-arti[3]li kopja taghha qeghda fil-korrespondenza tal-kunsill li li ghaliha kellhom access il-kunsilliera nazzjonalisti. Nikkwota testwalment: "The project will consist of the juxtapositon of an individual work by each participant dipicting a life-size person of choice to form a collective work dicting a busy crowd. The bus shelter in situ will form a physical part of the work'. Huwa evidenti li l-brief kien ċar u kull minn ħareġ barra minn dawn il-paramentri kien qed jabbuża.
6. Il-kap tal-iskola bghat l-stedina li ghamlu lill-istudent jikkowota l-istess kliem la hawn fuq.[4] L-istudent tal-Iskola tal-arti is-sur Christian Brincat irċieva din l-emejl tal-Kap tal-iskola tal-arti li tguhidlu car u tond li kellu jpingi persuna umana tal-għazla tieghu. Is-sur Brincat jaf jaqra sew ghax hu ghalliem u ghalhekk bilfors kien jaf f'hiex kien jikkonsisti l-progett. Izda konnu ma kienx kuntent. Kiteb lill-Kap tal-Iskola fejn qallu li hu dilettantt tal-festa tal-Fgura li li xtaq ipingi hwejjeg li ghandhom x'jaqsmu mal-festa. Il-Kap tal-Iskola wieġbu [5] fejn rega' qallu li l-proġett kien dwar figuri umani u mhux temi oħra. Qallu wkoll biex jikkuntatja lili bhala il-koordinatur tal-proġett. Is-sur Christian Brincat ma kkuntatjanix.
7. Minflok jidher li kkuntattja lis-sindku[6] fejn reġa' qallu li t-tema li jixtieq hija fuq il-festa tal-Fgura mikejja li ghall-darbtejn il-Kap tal-iskola tal-arti qallu li t-tema hija ohra u mhux dik. Is-sindku rrefera l-email tas-Sur Brincat ghandi [7]u flok irreferejtu ghall-kap tal-iskola tieghu jien hadt pacenzja ktibtlu biex nerga' nghidlu t-tema x'inhi u nispjegalu ghaliex u nissuġġerilu x'jista jpinġi. Kopja ta' din l-ittra ddata 10 ta Settembru qegħda fil-korrespondenza tal-Kunsill u l-kunsilliera tal-PN naqsu li jarawha jew għogobhom jinjoraw l-ezistenza tagħha [8].
8. Is-sur Christian Brincat irrispondieni fil-11 ta Settembru[9] b'kopja lill-Kunsill fejn ippropona hekk: ' Mela jekk naghmel wiehed bit-t-shirt tal-festa tahseb li jkun tajjeb?' Jien irrispondejtu 'Iva famuz' [10]
9. Mela huwa evidenti li s-sur Brincat inghadlu ghal darba tnerjn tlieta x'inhu l-proġett u meta kien mingħalina li fehem xorta ma żammx mal-ftehim. Naghmel referenza għall-ittra tas-sur Brincat tallum li tikkuntrata bil-kbir mal-verita tal-fatti kif ipprezenati fid-dokument li qed nipprezenta. Madanakollu din il-materja mhiex kompetenza tal-kunsill u bi hsiebi niforma lis-sur Kappillan u lil-Kummisjoni Festa dwar il-fatti ezatti kif ġraw. Iżda assulutament ninnega li

---

[2] Doc2
[3] Doc3 A
[4] Doc3 B
[5] Doc4
[6] Doc5
[7] Doc5
[8] Doc6
[9] Doc6
[10] Doc 6.

jien ghamilt xi apologija lis-sur Brincat. Se ma student li ma mexiex mal-ftehim li ried jaghmel bilfors ta' rasu kellu jagħmel apoloġija.

10. Il-korrezzjoni li saret fuq it-tpingija tal-istudent Christian Brincat kienet għal diversi ragunijiet. 1) Għaliex kienet barra mill-brief li inaghta ghal waħda tnejn tlieta 2) ghax fil-ġudizzjoni estetiku tieghi li kont il-persuna responsabbli tal-valur estetiku ta' dan ix-xoghol tal-arti element ta' kulur solidu saturat ma kienx jaghmel parti mill-iskema visiva u kien iħassar ir-rittmu fl-assjeme tal-mural. 3) Għaliex it-trattament tal-bandiera ċatta b'kulur blu saturat ma kien jaqbel mall-kuluri modulati l-oħra 4) għaliex l-ebda persunaġġ assocjat ma' xi għaqda oħra ma kellu l-bandiera tiegħu 5) għaliex il-bnadar ghandhom sinifikati differenti għall-persuni differenti u seta' kien kawża ta' diżwid jew vandalizmu fuq il-ħajt.
11. Niddeplora bil-qawwa kollha ċ-ċensura li saret minn kunsilliera tal-PN fil-kompetenza artistika tieghi.
12. Niddeplora wkoll l-ittra defamatorja tal-kunsilliera tal-PN
13. Niddeplora l-istrumentalizazzjoni taghhom xejn xierqa ta' għaqda tal-knisja għall-skopijiet politiko-partigrani meta kienu jafu ben tajjeb li din l-għaqda ma kellha x'taqsam xejn mal-proġett tal-murali u li l-ebda membru tagħha ma ġie mistieden biex jirraprezentha.
14. Ninforma lill-kunsill li ser inressaq dan il-kas quddiem il-Bord tal-Governanza Lokali bil-proviso tal-idonjeta tieghu galadarba l-kunsiller Charles Bonello huwa wkoll is-Segretarju Privat tal-Prim Ministru u nvolut direttament fl-attivitajiet tal-kunsilli lokali fuq skala nazzjonali.

AL

19/9/2012

Doc 1

17 ta Settembru 2012

**Is-Segretarju**

**Kunsill Lokali Fgura**

Permezz ta din l-ittra, ahna l-Kunsillieri Charles Bonello, Mark Lombardo u Alfred Debono qeghdin nitolbu sabiex tissejjah laqgha b'urgenza skond artiklu 29 (A) tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali.

F'din il-laqgha ghandu jigi diskuss l-incident li nqala bejn is-Sur Anthony Degiovanni, vici sindku tal-Kunsill Lokali u membru minn tal-Kumitat Festi Esterni fejn dan tal-ahhar gie ccensurat billi gie mitlub mis-Sur Degiovanni sabiex inehhi parti mit-tpingija li ghamel fl-attivita li saret il-Hadd 16 ta Settembru 2012 gewwa Triq Hompesch kantuniera ma Triq is-Sur.

Nitolbuk tiehu azzjoni necessarja.

Grazzi hafna.

Dejjem tieghek,

**Charles Bonello**
Kunsillier

**Mark Lombardo**
Kunsillier

**Alfred Debono**
Kunsillier

RECEIVED
17 SEP 2012
BY:

ACKNOWLEDGED
17 SEP 2012

Doc 2

**Anthony DeGiovanni**

**From:** Anthony DeGiovanni [anthonyvdegiovanni@gmail.com]
**Sent:** Friday, September 07, 2012 5:04 PM
**To:** 'pitre.raymond@gmail.com'
**Subject:** RE: FW: Re Mural Painitng Project In Fgura

Ghaziz Ray,

Dan huwa l-progett li ghandi f'mohhi

Nerga nirringrazzjak li accettajt

Tony

**MURAL PAINTING PROJECT IN FGURA**

**The Fgura Local Council is holding a Mural Painting Event in Fgura on Sunday 16th September 2012 from 7.30 am to 1.00 pm.**

**The concenpt of the project is to bring togther a number of foremost artists and talented students in a collaborative work with the intention of promoting the visual arts as well as presenting to the public an art scheme in the Centre of the Fgura.**

**The project will consist of the juxtaposition of an individual work by each participant dipicting a life -size person of choice to form a collective work dipicting a busy crowd. The bus-shelter in situ will ɔrm a physical part of the work.**

**Paint and brushes will be provided as well as some refreshments.**

**I would be grateful if you could kindly give one hour of your time to make this project a success.**

Anthony DeGiovanni

Vice-Mayor and Co-ordinator of the project.

DOC 34

**Anthony DeGiovanni**

**From:** Anthony DeGiovanni [anthonyvdegiovanni@gmail.com]
**Sent:** Friday, September 07, 2012 12:15 PM
**To:** 'joemarkmicallef@gmail.com'
**Cc:** 'Fgura Local Council at DLG'
**Subject:** Re Mural Painitng Project In Fgura

Mr Joseph M. Micallef,

Director
Malta School Of Art
Valletta

Dear Mr Micallef,

MURAL PAINTING PROJECT IN FGURA

The Fgura Local Council is holding a Mural Painting Event in Fgura on Sunday 16th September 2012 from 7.30 am to 00 pm.

The concenpt of the project is to bring togther a number of foremost artists and talented students in a collaborative work with the intention of promoting the visual arts as well as presenting to the public an art scheme in the Centre of the Fgura.

The project will consist of the juxtaposition of an individual work by each participant dipicting a life-size person of choice to form a collective work dipicting a busy crowd. The bus-shelter in situ will form a physical part of the work.

Paint and brushes will be provided as well as some refreshments.

I would be grateful if you could kindly disseminate this proposal amongst your staff and students and to have feedback on the number od artists interested in order to be able to make the necessary arrangements.

Anthony DeGiovanni
'ice-Mayor and Co-ordinator of the project.

DOC3B

I would be grateful if you could kindly disseminate this proposal amongst your staff and students and to have feedback on the number od artists interested in order to be able to make the necessary arrangements.

Anthony DeGiovanni

Vice-Mayor and Co-ordinator of the project.

Ps. Dear Students,

Mr. Anthony DeGiovanni, a former Head of the Malta School of Art and co-ordinator of the above project, is inviting students from the school of art to work on a mural collectively (together), so as to produce a 'STREET ART' at Fgura, where all artists contribute (each in his own way of ·ression) to the making/painting of this mural. I understand that each one is going to draw a silhouette of a figure which will then, together..... m a crowd of people. I think that it is going to be a positive and interesting experience.

Due to the short time available, as this event is for next Sunday 16th September .....I would like to know how many of you are interested to attend and take active part.

Please, you can email me back ...or phone me or SMS me on 79307650 ......or phone me at home on 21432914 (preferably after 8.00pm) so that I can give feedback to Mr Degiovanni about the number of students who wish to participate in this event.

Thanking You & Best Regards .... Hope to see you soon.....

Yours Truly

Jos. M Micallef

Malta School of Art

Doc 3f

**Anthony DeGiovanni**

**From:** Anthony Vella [anthonyvella48@gmail.com]
**Sent:** Wednesday, September 19, 2012 2:13 PM
**To:** anthonyvdegiovanni@onvol.net
**Subject:** Fwd: Malta School Of Art .....Street Art at Fgura

---------- Forwarded message ----------
From: **Joe Micallef** <joemarkmicallef@gmail.com>
Date: Sun, Sep 9, 2012 at 2:44 PM
Subject: Malta School Of Art .....Street Art at Fgura
To: mar.grech@hotmail.com, jacqueline muscat <jacmuscat@yahoo.com>, Etienne Bonanno <etibon@gmail.com>, pannol17 <pannol17@hotmail.com>, Jessica Muscat <jessica.muscat@gmail.com>, sputnic661@hotmail.com, n.solid@hotmail.com, mariomalliamalta@gmail.com, Mary Deguara <mdeguara@onvol.net>, resaga@go.net.mt, cassarangela@yahoo.com, c.brincat@yahoo.com, felixbaldacchino@gov.mt, jeanmarkvassallo@yahoo.com, zarosma@gmail.com, Kevin Ellul <kev.ellul@gmail.com>, ancel.cefai@gmail.com, axiaqr@gmail.com, b-greta13@hotmail.com, nathancaruana89@gmail.com, Rene Sacco <rene.sacco@gmail.com>, alfredxuereb@yahoo.com, elform@yahoo.com, anthonyvella48@gmail.com, maria.briffa@gmail.com, loleemuscat@gmail.com, paulcspiteri@gmail.com, nicolepace.u2@gmail.com, nikkisciberras <nikkisciberras@hotmail.com>, carolx1921@hotmail.com

Mr Joseph M. Micallef,

Director

Malta School Of Art

Valletta

Dear Mr Micallef,

MURAL PAINTING PROJECT IN FGURA

The Fgura Local Council is holding a Mural Painting Event in Fgura on Sunday 16th September 2012 from 7.30 am to 1.00 pm.

The concept of the project is to bring togther a number of foremost artists and talented students in a collaborative work with the intention of promoting the visual arts as well as presenting to the public an art scheme in the Centre of the Fgura.

The project will consist of the juxtaposition of an individual work by each participant dipicting a life-size person of choice to form a collective work dipicting a busy crowd. The bus-shelter in situ will form a physical part of the work.

Paint and brushes will be provided as well as some refreshments.

## Anthony DeGiovanni

**From:** Joe Micallef [joemarkmicallef@gmail.com]
**Sent:** Wednesday, September 19, 2012 3:16 PM
**To:** anthonyvdegiovanni@gmail.com
**Subject:** Mural

Dear Tony,

Cristian Brincat wrote back to tell me he was interested in the Mural Project and I replied by sending him another note back.

The note underneath .....Best Regards ...joe

Dear Christian,

First of all I hope you are well, ....I read what you wrote on the Fgura Feast Programme and how committed you are towards the feast and Fgura in general.

As I said in the email, Mr.DeGiovanni, Fgura vice-major, informed me that he is in charge of this "MURAL" project. He asked if Art students can take up paint next sunday 16th September, and make a collective painting on a wall .....I think at a bus stop. Some sketches of people will be helpful as one will feel better and confident if he has some reference to look at. These may be Sketches, Photos, Pictures from magazines ..etc.

He also said that they are going to provide paint, brushes ..etc for the event ... but I suggest that if you take with you some equipment like pencils, brushes, ruler, piece of cloth .....perhaps a cap or hat .....yes it will be a rewarding experience .... Street Art is becoming very popular in all places .... and is an excellent social and artistic happening.

I will give you name and particulars to the organizers and hope to see you on sunday

Thanking You ....Regards.....joemicallef

DOC 5

**Anthony DeGiovanni**

---

**From:** Byron Camilleri [byroncamilleri@gmail.com]
**Sent:** Monday, September 10, 2012 3:40 PM
**To:** Christian Brincat; Anthony DeGiovanni
**Cc:** fgura.lc@gov.mt
**Subject:** Re: Street Art Fgura

Anthony,

Chris gie mistieden mill-ischool of arts, pero peress li huwa mill-Fgura bghata lilna dirett.

Tista tikkordina mieghu fuq dan l-email t'hawn taht.

Byron

2012/9/10 Christian Brincat <christian_brincat@yahoo.com>

It-tema li nixtieq naghmel hija fuq il-festa tal-Fgura - l-arma tal-Karmelitani, xi nome di marija, niktbu 2 Hadd ta Lulju, nar, xi armar u xi haga marbuta mal-muzika etc Ser naghmel sketch ta x nixtieq u nibghatielek.

Best Regards
Christian Brincat

---

Have a nice day

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail

Doc 6

**Anthony DeGiovanni**

**To:** Anthony DeGiovanni
**Subject:** RE: FW: Re Mural Painitng Project In Fgura

**From:** Anthony DeGiovanni [mailto:anthonyvdegiovanni@gmail.com]
**Sent:** Tuesday, September 11, 2012 1:37 PM
**To:** 'Christian Brincat'
**Subject:** RE: FW: Re Mural Painitng Project In Fgura

iva famuz

**From:** Christian Brincat [mailto:christian_brincat@yahoo.com]
**Sent:** Tuesday, September 11, 2012 9:46 AM
**To:** Anthony DeGiovanni
**Cc:** 'Fgura Local Council at DLG'
**Subject:** Re: FW: Re Mural Painitng Project In Fgura

Sur A Degiovanni,

Tajjeb mela jekk qed nifhem sew ser jsiru personaggi b karattri differenti wiehed hdejn l-iehor li jirraprezentaw oqsma differenti fil-Fgura. Jien immaginjat li xenarji differenti marbuta ma l-istorja tal-Fgura, monumenti u dak kollu li jaghti identital Mela jekk naghmel wiehed bit-t-shirt tal-festa tahseb li jkun tajjeb?
Naf xi zewg persuni ohra li kienu jigu mieghi School of Art nista nghidilhom jigu wkoll?

Best Regards
Christian Brincat

---

Have a nice day

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail

**From:** Anthony DeGiovanni <anthonyvdegiovanni@gmail.com>
**To:** christian_brincat@yahoo.com
**Cc:** 'Fgura Local Council at DLG' <fgura.lc@gov.mt>
**Sent:** Monday, 10 September 2012, 15:56
**Subject:** RE: FW: Re Mural Painitng Project In Fgura

**Ghaziz Christian,**
**Qed niehu gost li gejt avvicinat mis-sur Micallef tal-Iskola tal_arti,**
**It -tema ghal din id-darba hija fissa billi rridu nikkoordinaw hafna artisti diferenti f' 4 sieghat biss.**
**Ara hawn taht.**
**Imma jien ma niddejjaq xejn li wiehed mill-personaggi jkun parti karmelitan ( l-ahjar li tistaqsi l-kappillan jew il-prijol qabel). Tista wkoll taghzel li taghmel tifel bil-gear tan-nursery tal-Fgura jew xi personagg iehor li jifforma parti mill-folla tal-Fgura.**
**Jekk trid aktar kjarifikazzjoni iktibli**

**Tony**

**MURAL PAINTING PROJECT IN FGURA**

**The Fgura Local Council is holding a Mural Painting Event in Fgura on Sunday 16th September 2012 from 7.30 am to 1.00 pm.**

**The concenpt of the project is to bring togther a number of foremost artists and talented students in a collaborative work with the intention of promoting the visual arts as well as presenting to the public an art scheme in the Centre of the Fgura.**

**The project will consist of the juxtaposition of an individual work by each participant dipicting a life -size person of choice to form a collective work dipicting a busy crowd. The bus-shelter in situ will form a physical part of the work.**

**Paint and brushes will be provided as well as some refreshments.**

**I would be grateful if you could kindly give one hour of your time to make this project a success.**

Anthony DeGiovanni
Vice-Mayor and Co-ordinator of the project.

--
Regards,

Rupert Cefai
www.rupertcefai.com

--
Regards,

upert Cefai
/ww.rupertcefai.com

19 ta' Settembru 2012.

'DOK B'

Dikjarazzjoni.

Filwaqt li nemmen li din il-materja ma kienitx dinja għal-laqgħa b'urġenza, xorta waħda għandu jkun ta' importanza u nissoljera dawn il-punti.

1) Kien ikun aħjar li kieku l-organizzatur ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill is-suġġett li kellu jkun imperiġi mal-kitban fl-attività ta' nhar il-Ħadd qabel ma bagħat korrispondenza biex stieden l-artisti jipparteċipaw.

2). Ma kienx ġest xieraq li l-organizzatur ikassar biċċa mit-tpinġija li ma għoġbitx lilu personalment.

3). Nemmen li ma kien hemm xejn ħażin fuq bandiera li kienet marbuta mal-festa tal-Fgura.

4). F'dan l-istadju wara li dak li kellu jsir sar, nissuġġerixxi li għandu jingħata xi tip ta' kumpens lis-Sur Christian Brincat għad-diżappunt li ġarrab, kif spjega huwa stess fl-ittra tiegħu datata 18 ta' Settembru 2012.

Nikkonkludi billi nħeġġeġ lill-kunsilliera kollha biex ma jħallux dan il-każ ikassar attività li kienet ta' livell għoli u għal ġid tal-lokal tagħna u nissoktar il-ħidma tal-Kunsill b'mod holistiku għall-ġid tal-Fgura.

Chev. Darren Marmarà K.L.S.

I.D. 584381(M).